MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 1232/2004

**Alfred Azzopardi**

**Vvs**

**Carmen Giordimaina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ elf u ghaxar liri u ghoxrin centezmu (Lm1,010.20), rapprezentanti prezz ta` prodotti agrikoli debitament mibjugha u kkonsenjati mill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta datata 15 ta` Lulju, 2004, fejn ikkontestat it-talba attrici b’mod generiku u in partikolari peress illi l-azzjoni kienet preskritta u l-konvenuta ma kinietx il-legittimu kontradittur oltre li hija

ma kienet xtrat xejn minghand l-attur. Tghid ukoll li hija ma rceviet ebda kont minghand l-attur.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet fejn fost affarijiet ohra l-konsulent legali tal-konvenuta rrilevat li hija ma kinietx sejra tinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra.

L-attur stess ighid fix-xhieda tieghu li huwa kien proprjament biegh il-merkanzija in kwistjoni lir-ragel tal-konvenuta u mhux lilha nfisha. Ighid ukoll li r-ragel taghha kien mejjet. Ighid li zewgha kien ghamel perjodu ta` xahrejn jixtri minghandu darbtejn fil-gimgha u li qatt ma kienx hallsu ghal dan ix-xoghol. Huwa jsostni li dan jirrizulta minn sett ta` dokumenti li kien qed jezebixxi bhala Dok. AA 1, liema dokumenti jinsabu riprodotti bhala Dok. JG 1 sa Dok. JG 7. Minn ezami ta` l-istess jigi notat illi ma nghatatx spjegazzjoni il-ghala dawn ighajtu lill-konvenut meta l-akkwist suppost li sar minn zewgha waqt il-hajja tieghu. Lanqas ma nghatat spjegazzjoni il-ghala l-attur baqa` jikkonsenja x-xoghol f’dawk ix-xahrejn ta` Jannar u Frar, 2000, meta skond hu ma kienx qed jithallas u il-ghala ma avvicinax lil zewg il-konvenuta ghal hlas waqt li kien ghadu haj fis-sentejn ta` wara l-imsemmija konsenji. Dan in-nuqqas tassumi certa mportanza peress illi l-ufficcjal tal-Bank ikkoncernat ma kienx f’pozizzjoni li jixhed fuq it-transazzjonijiet bejn il-partijiet peress illi d-dokumenti kienu gew distrutti. In segwitu pero` ufficjal iehor ta` l-istess Bank APS ipprezenta zewg dokumenti a fol. 93 u 94 tal-process li huma ndikattivi ta` l-ammonti mhallsa mill-Pitkal lill-Bank f’isem ix-xerrej, fin-nuqqas ta` l-istess xerrej. Dawn id-dokumenti gew indirizzati lill-konvenuta u jammontaw ghas-somma komplessiva ta` Lm 836.83.

Il-konvenuta Carmen Giordimaina tispjega li ghalkemm il-permess kien fuq isimha u kwindi si spjega il-ghala d-dokumentazzjoni nharget fuq isimha, ix-xiri proprju pero`

kien isir minn zewgha. Sa fejn taf hi zewgha kien aggornat fuq il-hlasijiet.

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li n-negozju in kwistjoni sehh bla dubbju mir-ragel tal-konvenuta waqt li kien haj u kwindi jekk hemm xi kreditu dovut dan jiggrava l-komunjoni ta` l-akkwisti. Jidher ukoll li l-ammont pendenti mhux imhallas lill-Pitkal attur almenu minn dak li jirrizulta mid-dokumenti tal-Bank kien fis-somma ta` Lm836.83. Qed jinghad hekk peress illi f'kaz ta` pagament tardiv cioe` wara li l-Bank ikun gia` ddebita l-kont tal-Pitkal, ix-xerrej kien ihallas direttament lill-Pitkal u mhux lill-Bank. Il-konvenuta ma kinietx f'pozizzjoni li tipproduci xi prova dwar pagamenti kif inhu fl-obbligu taghha li taghmel pero` wiehed ghandu jqis ukoll li dawn il-proceduri nfethu kontra taghha wara sentejn mill-mewt ta` zewgha, liema cirkostanza dan it-Tribunal sejjer iqis fuq bazi ta` ekwita fid-decizjoni tieghu. Jigi notat ukoll li l-konvenuta naqset li ggib xi forma ta` prova dwar min huma l-werrieta ta` zewgha – jekk il-wirt tieghu huwiex regolat b'testment o meno – jekk ghandux tfal jew dixxendenti ohra u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jasal ghal decizjoni fuq ir-raba` eccezzjoni tal-konvenuta filwaqt li l-konvenuta stess ddikjarat tramite l-konsulent legali taghha li ma kinietx qieghdha tinsisti fuq it-tieni eccezzjoni taghha dwar il-preskrizzjoni oltre li ma gie ndikat ebda artikolu relattiv ghall-istess.

In vista tal-premess, ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa` t-talba ta` l-attur fis-sens pero` li jigi dikjarat li l-konvenuta hija debitrici tieghu ghal prodotti agrikoli mixtrija mill-kompjant zewgha fl-ammont ta` Lm836.83 ekwivalenti ghal Euros €1,949.28 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta` Euros €1,949.28, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------